# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar il-Hamis 26 ta' Mejju 2016**

**Mandat Numru : 549/2016/1 JPG**

**Christian Dalli ID Nru 67591(M)**
**Giorgina Dalli ID Nru 735452(M)**
**Karen Borg Dalli ID Nru 573878(M)**
**Raymond Borg ID Nru 455571(M),**
**Mary Grace Balzan ID Nru 474775(M) u**
**Ramona Dalli ID Nru 518080(M)**
**Vs**
**Grezzju Fenech ID Nru 769849(M)**
**Tessie Fenech ID Nru 589055(M) u**
**Vincent Dalli ID Nru 323154(M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-11 t'April 2016 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jixtieq izomm l-intimati milli:*

*a) B'xi mod jidhlu fuq l-art fil-pussess tar-rikorrenti u;*

b) *B'xi mod ikomplu jinpedixxu, jimmolestaw, itellfu, jikkommettu hsara fuq proprjeta' tar-rikorrenti li tinsab fuq l-istess art jew b'xi mod iehor jimpedixxu lir-rikorrenti jew agenti taghhom milli jgawdu jew jahdmu l-istess ghalqa.*

*Illi l-atturi jipposjedu, in solidum bejniethom, l-ghalqa maghrufa "Ta Dun Ang" limiti Haz-Zabbar accessibbli min Triq San Anard u li fiha hemm diversi stabbli liema pjanta qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Doc'A'.*

*Illi din l-ghalqa giet trasmessa lir-rikorrenti u rregistrata fuq Christian Dalli in segwitu ghad-demora t'Andrew sive Andrea Dalli u cioe' zewgt u missier ir-rikorrent rispettiv li minn naha tieghu kien wiret l-istess minghand l-antenat tieghu.*

*Illi din l-ghalqa, li dejjem inhadmet minn missier ir-rikorrenti bl-ghajnuna ta' Salvu Magro li d-demora ta' Andrea Dalli, baqa' jahdem l-istess ghalqa bil-kunsens u permess tar-rikorrenti*

*Illi recentement r-rikorrenti soffrew molestija fit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom u dan billi l-intimati arbitrarjament, klandestinament u minghajr il-kunsens tar-rikorrenti dahhlu f'ghalqa sovra indikata u wara sgassaw l-kamra ossia l-ghorfa li tinsab fil-parametri ta' l-ghalqa bi vjolenza, nehhew il-fniek li r-rikorrenti u cioe; Raymond Borg kellu u poggewhom fi xkejjer tal-karti u rmewhom quddiem id-dar tal-atturi bil-konsegwenza li dawn l-istess fniek u frieh taghhom mietu.*

*Illi wkoll l-istess intimati jew min minnhom arbitrarjament, klandestinament u minghajr il-kunsens tal-esponenti qacctu, nehhew u biddlu l-qofol li kien isakkar l-ilqugh ghal gol-istess ghalqa u poggew katnazz gdid b'mod illi qed jimpedixxu lir-rikorrenti u lil Salvu Magro milli jidhlu liberalment fl-istess ghalqa.*

*Illi l-esponenti ghandhom suspett fondat u qed jibzghu illi hwejjighom jistghu jispiccaw kif ukoll oggetti ohra simili b'deterrenti u dannu liema dannu jkun ingenti.*

*Illi l-agir tal-intimati jidher car illi huma jridu jakkwistaw din ir-raba' sovra indikata bl-intenzjoni cara li jcahhdu lill esponenti mid-dritt tal-proprjeta'.*

*Illi jekk l-intimati mhux ser jitwaqqfu milli jkomplu illegalment, klandestinament u minghajr il-kunsens tal-esponenti, jokkupaw is-sit proprjeta'tal-esponenti kif gia ndikat, l-pregudizzju li sejjer isofru l-esponenti ser ikompli jikber u d-danni konsegwenzjali ser ikunu ingenti u ghalhekk l-esponenti qeghdin jitolbu l-hrug tal-presenti Mandat ta'Inibizzjoni.*

*Illi barra minn hekk, l-urgenza f'dan il-kaz hija ta' importanza massima.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet tal-11 t'April 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza ghat-28 t'April 2016 fis-1:30pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

**Rat illi l-intimat Vincent Dalli ta' ruhu b'notifikat fis-seduta tat-28 t'April 2016;**

Rat ir-risposta ta' Grezzju u Tessie Fenech tat-18 t'April 2016 (a fol. 11 et seq.) li taqra hekk :

*"Illi t-talbiet fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Illi preliminarjament, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess rikorrenti ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom kif ukoll* ***prova ta' dan u minn fejn gejja din il-pretensjoni.***

*Illi di piu, din hi l-ewwel darba li qed jigi dikjarat li hemm issa pussess 'in solidum' ta' l-ghalqa maghrufa bhala 'Dun Ang' meta l-istess rikorrenti* ***qatt*** *ma deheru, imma qed jidhru ghal dawn il-proceduri biss u b' hekk ghas-skop ulterjuri taghhom li ma tikkonformax mal-pozizzjoni legali vera w rejali.*

*Illi f'dan ir-rigward, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull referenza ghal-terzi persuni, partikolarment* ***Salvu Magro*** *kif ukoll* ***Raymond Borg*** *fejn seta sar xi forma ta' ftehim maghhom mir-rikorrenti u/jew x'uhud minnhom, sar ad insaputa ta' l-istess esponenti, liema ftehim hu* ***res inter alios acta*** *ghall-istess esponenti liema dikjarazzjoni guramentata issa* ***tippeggiora*** *l-pozizzjoni ta' l-istess rikorrenti.*

*Illi* ***allacjat*** *mas-suespost, ma jistax jirrizulta* ***molestja*** *w/jew* ***klandestinita*** *meta l-esponenti qed jezercitaw d-drittijiet taghhom* ***b'titolu validu*** *liema haga ma tinkwadrax ruhha fil-pretensjonijiet tar-rikorrenti li istitwew dawn il-proceduri b'mod* ***spekulattiv*** *bil-hsieb li jakkwistaw haga li fil-fatt m'ghandhomx.*

***Ghaldaqstant****, filwaqt li s-suespost bl-ebda mod m'ghandu jigi kunsidrat ezawrjenti, t-tal-biet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu milqugha."*

Rat ir-risposta ta' Vincent Dalli tal-5 ta'Mejju 2016 (a fol. 21 et seq.) li taqra hekk :

*"Illi t-talbiet fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Illi preliminarjament,* ***u*** *minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess rikorrenti ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom kif ukoll* ***prova ta' dan u minn fejn gejja din il-pretensjoni.***

*Illi di piu, din hi l-ewwel darba li qed jigi dikjarat li hemm issa pussess 'in solidum' ta' l-ghalqa maghrufa bhala 'Dun Ang' meta l-istess rikorrenti* ***qatt*** *ma deheru, imma qed jidhru ghal dawn il-proceduri* ***biss*** *u b' hekk ghas-skop ulterjuri taghhom li ma tikkonformax mal-pozizzjoni legali vera w rejali.*

*Illi f'dan ir-rigward, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull referenza ghal-terzi persuni, partikolarment **Salvu Magro** kif ukoll **Raymond Borg** fejn seta sar xi forma ta' ftehim maghhom mir-rikorrenti u/jew x'uhud minnhom, hu **res inter alios acta** ghall-istess esponenti.*

*Illi **allacjat** mas-suespost, ma jistax jirrizulta **molestja** w/jew **klandestinita** meta l-esponenti qed jokkupa b'mera tolleranza parti mill-proprjeta' bil-konsapevolezza ta' ohtu Tereza w ragel taghha Grezzju konjugi Fenech li ghandhom **titolu validu** liema akkuza fil-konfront tieghu ma tinkwadrax ruhha fil-pretensjonijiet tar-rikorrenti li istitwew dawn il-proceduri b'mod **spekulattiv** bil-hsieb li jakkwistaw haga li fil-fatt m'ghandhomx.*

***Ghaldaqstant**, filwaqt li s-suespost bl-ebda mod m'ghandu jigi kunsidrat ezawrjenti, t-tal-biet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu milqugha."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda ta'Christian Dalli jirrizulta illi in segwitu tal-mewt ta' missieru fil-11 ta' Novembru 2015, huwa beda jahdem l-art maghrufa bhala Dun Ang limiti ta' Haz Zabbar liema art kienet tinhadem minn missieru u nannuh– Vide fol. 26/27, liema art hija mifruxa fuq tomna u nofs – Vide pjanti u *aerial photopraphs* Dok. CDX1 u CDX2.

Huwa spjega illi l-intimati kienu hut missieru cioe' Tessie Fenech u Vincent Dalli waqt li l-intimat Grezzju kien r-ragel ta' Tessie Fenech.

Kemm ilu nieqes missieru, r-rikorrenti Christian Dalli xhed illi zara' ful, pizelli u patata *"bl-ghajnuna ta' certu nies"* a fol. 29. Christian Dalli xhed illi kienu jrabbu l-fniek fil-kmamar tal-ghalqa u ohtu u zewgha sabu lill-intimati jbiddlu l-katnazz tal-ghalqa waqt illi l-annimali gew depositati d-dar ta' omm ir-rikorrenti. Sar rapport l-ghassa tal-Pulizija dwar dan.

Christian Dalli xhed illi ma kienx jaf illi l-ghalqa hija mikrija mill-intimati. Dalli sostna li missieru kien jghid li ohtu Teresa Fenech qatt ma hallset kera fuq l-ghaqa in kwistjoni. Dalli xhed illi kien jaf li hut Teresa Fenech kienu cedew d-dritt tal-kera fuq d-dar 7 Triq San Anard u l-ghelieqi d'intorni lill-istess Teresa Fenech skond skrittura tal-5 ta' Settembru 1990, izda huwa jaf li kera kienet qed tigi depozitata l-Qorti ghaliex ma kienux certi mill-identita' tas-sidien (a fol. 30/31).

Dalli xhed illi ma kienx jaf illi missieru kien jahdem l-art in kwistjoni bil-buona grazia ta' Teresa Fenech (a fol. 32)

Georgina Dalli, omm Christian Dalli a fol. 34 xhedet illil-ghalqa in kwistjoni kienet giet mghotija lill-zewgha Andrew Dalli (Indrin) xi tletin sena ilu minn missieru, Carmelo Dalli. Hija xhedet illi ma kienitx taf bl-iskrittura tal-5 ta' Settembru 1990.

Dr. Mark Busuttil a fol. 41 xhed illi Carmelo Dalli beda jiddepozita l-Qorti l-kera fuq d-dar u l-art in kwistjoni permezz ta' cedola ta' depozitu.

Dr. Busuttil xhed illi maz-zmien zviluppat s-sitwazzjoni fejn in segwitu tal-mewt ta' Carmelo Dalli, t-tfal tieghu (inkluz Indri, missier ir-rikorrenti Christian Dalli) kienu ffirmaw skrittura Dok. MB1 li permezz taghha, l-kera tad-dar residenzjali u l-art adjacenti gew ceduti lil Tereza Fenech li dejjem ghexet f'din id-dar u baqghet tiehu hsieb ta' missierha Carmelo.

Vincent Dalli prodtt mill-intimati a fol. 44, xhed illi kien jghix f'din id-dar ma missieru u t-tmien ahwa. Huwa sostna illi l-ghalqa in kwistjoni hija parti minn tmient itmien li jifformaw l-art imsemmija Dun Ang li taghha jithallsu s-sidien, Disma Attard u Lawrence Attard.

Ikkonferma illil-ahwa kollha kienu jghinu lill missier (Carmelo) billi jiehdu hsieb r-raba'. Ikkonferma illi Teresa kienet baqghet f'din id-dar tiehu hsieb lil genituri ghaliex haddiehor ma kien lest li jaghmel dan.

Vincent xhed illi wara li gie nieqes il-missier, u wara l-iskrittura, hu (Vincent), flimkien ma huh Indri (missier Christian Dalli), kienu avvicinaw lil Teresa u talbuha permess biex jahdmu parti mill-art. Dan sar in segwitu tal-mewt ta' Carmelo Dalli u Teresa Fenech akkordat permess buona grazia taghha. Huwa afferma illi Indri kien ghamel xi erba' snin marid qabel ma miet u ghalhekk kien jghid lil Salvu Magro biex jghinu. Minkejja illi hu (Vincenti) kien bena bi flusu zewg *garages*, jaf illi m'ghandu ebda titolu ghaliex l-kirja tghajjat lil Teresa u Grezzju Fenech.

Vincent Dalli kkonferma l-iskrittura tal-5 ta' Settembru 1990 Dok. MB 1.

Teresa Fenech a fol. 49 et seq. xhedet illi hija kienet tirrisjedi fi 7 Triq San Anard Zabbar flimkien mal-genituri taghha u hutha minn mindu kellha ghaxar snin. Wara li zzewget, baqghat tghix fl-istess dar ma zewgha u l-genituri sabiex tkun tista' tiehu hsiebhom. Wara l-mewt tal-missier, hutha kienu ghamlu skrittura Dok. MB1 li biha cedew d-dritt ta' kera fuq d-dar u l-art adjacenti. Ikkonfermat illi hija thallas il-kera qabel Santa Marija kull sena, billi tiddepositha l-Qorti (a fol. 51). Teresa Fenech xhedet illi qatt ma rat lil Christian Dalli jahdem l-art, hlief wara li miet Indri, meta jizra' xi patata.

In kontro-ezami xhedet illi hija tiddepozita l-kera il-Qorti ‘l ghaliex s-sidien il-godda tad-dar u l-art ma riedux jirrikonoxxuha. Dawn kienu Disma u Lawrence Attard. Ikkonfermat illi in segwitu tal-mewt ta' missierha, hija halliet lilll-Indri u lil Vincent jahdmu parti mir-raba' bil-buona grazia taghha, b'dana illi meta jidhrilha, setghat tiehu l-art lura.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u

**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal**-14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873 Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.**

(Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit**-2 ta` Jannar 1993 -** Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx necessarjament bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"***

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**, u **Giovann Grech vs Kirsten Grech** deciza fil**-21 ta' Mejju 2015.**

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil**-25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –Vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi fuq indikati, jidher car illi l-uniku jedd fuq l-art in kwistjoni li gie pprovata almenu sal-grad ta' *prima facie*, hu dak ta' Teresa u Grezzju Fenech. In fatti l-iskrittura Dok. MB1 turi b'modd car illi l-ahwa Dalli kollha kienu cedew d-dritt taghhom fuq il-kera tal-fond l-art in kwistjoni u dan jinkludi missier ir-rikorrenti Andrew (Indri) Dalli.

Gie ugwalment pprovat sal-grad ta' *prima facie* illi Indri Dalli u Vincent Dalli kienu thallew bi buona grazia tal-intimata Teresa u Grezzju, jahdmu parti mir-raba. Din it-tolleranza ma tidhirx li ghadha vigenti.

Il-Qorti tqis ukoll illi kien Salvu Magro u mhux Christian Dalli illi zera il-patata in segwitu tal-mewt ta' Indri Dalli. Huwa inverosimili ghall-ahhar illi Christian Dalli qatt ghamel xoghol fir-raba.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma pprovawx l-elementi kostituttivi ghal hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni u dan jghodd kemm ghall-element ta' dritt *prima facie* kif ukoll ghal htiega tal-protezzjoni tieghu u ghal pregudizzju irrimedjabbli.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Tichad t-talba tar-rikorrenti ghaliex ma jikkonkorrux ir-rekwiziti legali ghal hrug tieghu;

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-11 t'April 2016 sa fejn laqghat it-talba b'modd provvizorju.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moghti kameralment fis-26 ta' Mejju 2016**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**